MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2453/1998/1

**Anthony Briffa u martu Marquita Briffa għal kull interess li jista' jkollha**

***Versus***

***Voest-Alpine Oilfield Service Limited*; illum *VAOS Limited***

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' danni talli s-soċjetà konvenuta temmitlu mingħajr raġuni tajba u qabel il-waqt kuntratt ta' impjieg għal żmien determinat.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien impjegat mal-konvenuta għaż-żmien mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998 bil-paga ta' mitejn dollaru amerikan (US$200) kuljum. Fit-12 t'Awissu 1998, iżda, is-soċjetà konvenuta temmet l-impjieg ta' l-attur, u l-attur qiegħed igħid illi dan sar bi ksur tal-liġi u tal-ftehim. Billi sofra danni talli ntemmlu l-impjieg, u għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex

tagħmel tajjeb għal dawn id-danni, l-attur u martu fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuta għandha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur;
2. tillikwida dawn id-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni li jiġu likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. isimha ma hux kif muri fiċ-ċitazzjoni; din l-eċċezzjoni kienet ingħatat għax isem is-soċjetà konvenuta kien muri ħażin fuq iċ-ċitazzjoni; wara li, fit-30 ta' Ġunju 1999, saret il-korrezzjoni meħtieġa fl-isem[1], ma għadux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;
2. l-impjieg ta' l-attur kien intemm mill-konvenuta skond il-kuntratt u għal raġuni li hija tajba u biżżejjed; u
3. il-kuntratt ma huwiex wieħed regolat bil-liġi ta' Malta; b'sentenza mogħtija fil-15 t'April 2002[2] din il-qorti kienet qalet illi l-kuntratt huwa regolat bil-liġi tal-Libja.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża kienu dawn:

Is-soċjetà konvenuta tagħti servizz lill-klijenti tagħha billi tipprovdilhom ħaddiema li, għalkemm ikunu u jibqgħu impjegati tal-konvenuta, jagħmlu x-xogħol tal-klijent tagħha.

L-attur kien wieħed minn dawn l-impjegati tal-konvenuta li kien jintbagħat jaħdem il-Libja fl-interess ta' wieħed mill-klijenti tal-konvenuta. Kien ilu impjegat mal-konvenuta (li, fil-bidu, kienet inkorporata fl-Awstrja iżda, fiż-żmien relevanti għal din il-kawża, kienet inkorporata f'Malta) sa mill-1990. Kellu kuntratt ta' impjieg mal-konvenuta għal sena iżda kull sena kien jiġġedded għal sena oħra. Il-kuntratt relevanti għal din il-kawża kien bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998. Dan iż-żmien huwa regolat bis-seba' (7) patt tal-kuntratt, li fil-parti relevanti jgħid hekk:

7. <u>DURATION AND TERMINATION OF AGREEMENT</u>

a. This agreement will be effective from 01.01.1998 and remain valid until 31.12.1998.

It will be possible to prolong the contract by mutual agreement. Within the first month, the Employer will be

---

1 *Fol.* 19.

2 *Foll.* 117 *et seq.*

entitled to terminate the agreement with immediate effect without giving reason. However, both parties will have the right to terminate this agreement at one month's notice. In the case of severe misdemeanour, the Employee will be dismissed forthwith.[3]

L-attur kien jaħdem ċiklu ta' erba' ġimgħat fil-Libja u jkollu ġimagħtejn franki f'Malta qabel ma jerġa' jmur il-Libja għal erba' ġimgħat oħra. Fil-ġranet ta' xogħol kien jitħallas mitejn dollaru (US$200) kuljum, u kien jitħallas ukoll għal jumejn biex jivvjaġġa kull turn, *i.e.* għal jum ta' vjaġġ meta jispiċċaw l-erba' ġimgħat biex jiġi lura Malta, u għal jum ieħor ta' vjaġġ fi tmiem il-ġimagħtejn franki biex jerġa' jmur il-Libja. Matul il-ġimagħtejn franki ma kienx jitħallas.

Għalkemm il-kuntratt ma jgħid xejn dwar hekk, kienet il-prassi ta' l-impjegati tal-konvenuta, fosthom l-attur, illi meta jkunu ġejjin mil-Libja jew sejrin 'l hemm minn pajjiżhom, iġorru magħhom korrispondenza bejn l-uffiċċju tal-konvenuta fil-Libja u dak ta' pajjiżhom, fil-każ ta' l-attur l-uffiċċju ta' Malta.

Il-konvenuta tgħid illi dan kien obbligu ta' l-impjegati, iżda l-attur igħid illi ma kienx marbut jagħmel dan ix-xogħol ta' ġarr ta' korrispondenza, u kien jagħmlu biss bir-rieda ħielsa tiegħu. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Christian Winterstaiger, *managing director* tal-konvenuta, fis-seduta tas-6 t'April 2000, ħareġ illi d-dmirijiet ta' xogħol ta' l-attur kienu biss fil-Libja, u ma kellux dmirijiet f'Malta[4].

Kien hemm żewġ episodji meta, minħabba f'din il-kwistjoni tal-ġarr ta' korrispondenza, inqala' diżgwid bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta. L-ewwel episodju nqala' meta l-attur, wara li lesta t-turn ta' xogħol fil-Libja, wasal Malta nhar l-Erbgħa tard filgħaxija b'xi korrispondenza u ma laħaqx jeħodha l-uffiċċju tal-konvenuta dakinhar. L-għada l-Ħamis ma setax imur għax kellu xi impenji personali; talab lill-konvenuta biex tibgħat lil xi ħadd għandu biex igħaddilu l-korrispondenza iżda l-konvenuta ma riditx. Eventwalment l-attur wassal il-korrispondenza t-Tnejn ta' wara.

---

3 *Fol.* 6.

4 *Foll.* 27 *et seq.*

Minħabba f'dan l-episodju l-attur ingħata ordni biex jikkonsenja l-biljett tal-vjaġġ lura lejn il-Libja[5]. L-attur fehem illi, ladarba kellu jrodd il-biljett, ma kienx sejjer jerġa' jintbagħat il-Libja u għalhekk kien intemmlu l-impjieg. Wara li kellem lil wieħed mid-diriġenti, iżda, u fissirlu x'kien ġara, is-sitwazzjoni ikkalmat u l-attur kompla fix-xogħol mal-konvenuta.

It-tieni episodju seħħ fit-13 ta' Lulju 1998, meta l-attur kellu jmur lura Tripli minn Malta. Intalab iġorr xi korrispondenza iżda, billi kien ġà mgħobbi, talab illi jieħu biss dak li kien urġenti. Lill-konvenuta dehrilha illi r-rifjut ta' l-attur li jġorr il-korrispondenza kollha kien każ ta' ksur tar-regolamenti tagħha, u li għalhekk ma kellhiex iżżommu aktar impjegat magħha. Fid-19 ta' Lulju 1998 bagħtitlu ittra[6] biex ittemmlu l-impjieg u din l-ittra, fost ħwejjeġ oħra, tgħid hekk:

As per instruction from our Head Office Malta, we regret to inform you that VOEST-ALPINE OILFIELD SERVICE LTD terminate your contract as per Article 7.a of our Agreement with one month notice, due to your violation of the company regulations/rules.

… … …

As per your rotation schedule, your last working day will be the 12th August 1998.

Skond il-liġi tal-Libja li tirregola l-impjiegi, il-*Labour Law* ta' l-1 ta' Mejju 1970, biex min iħaddem ikun jista' jkeċċi ħaddiem qabel iż-żmien stipulat, irid juri li seħħet waħda mill-kondizzjonijiet elenkati fl-artikolu 51 ta' dik il-liġi. Relevanti għall-każ ta' l-attur huma l-paragrafi 3, 4 u 6 ta' l-art. 51 li jgħidu illi min iħaddem jista' jkeċċi lill-ħaddiem f'dawn il-każijiet:

3. If the worker commits a fault which leads to grave material loss to the employer, provided that the employer should report the incident to the Labour Office concerned during three days from being aware of the occurrence of the incident.

4. If the worker does not observe the regulations related to the safety of workerġsħ or the place of work, despite written warning, on condition that these instructions

5 *Fol.* 69.

6 *Fol.* 76.

should be in writing and posted in a prominent place and that the employer should notify the labour office concerned with a copy of the warning addressed to ġtheħ worker.

6. If the worker does not perform his basic obligations stated in the labour agreement.

Il-qorti hija sodisfatta illi ma seħħet ebda waħda minn dawn il-kondizzjonijiet. Li jġorr il-korrispondenza, ukoll jekk kienet obbligazzjoni ta' l-attur, żgur ma kinitx waħda mill-"*basic obligations*" tiegħu, u lanqas inġiebet prova li din l-obbligazzjoni toħroġ minn xi regolament li kien pubblikat f'post prominenti bil-miktub, u lanqas ma nġiebet prova illi, minħabba n-nuqqas ta' l-attur li jġorr il-korrispondenza, il-konvenuta ġarrbet xi telf materjali kbir.

Għalhekk, ma kien hemm ebda raġuni illi, skond il-liġi li tirregola l-każ, kienet tajba u biżżejjed biex jintemm l-impjieg ta' l-attur qabel il-waqt.

Tassew illi, skond il-para. 7.a tal-ftehim, il-konvenuta setgħet ittemm l-impjieg ta' l-attur qabel il-waqt mhux biss fil-każ ta' "*severe misdemeanour*", meta setgħet ittemmlu l-impjieg minnufih, iżda wkoll billi tagħtih avviż ta' xahar minn qabel, ukoll mingħajr raġuni. Madankollu, skond il-parir ta' l-espert fil-liġi tal-Libja mogħtija mill-Avukat Sedeek A. Mesrati, avukat fil-qrati libiċi, kuntratt għal żmien determinat seta' jintemm biss għar-raġunijiet elenkati fl-art. 51, u dan ifisser illi ftehim li jżid ma' dawk ir-raġunijiet — bħal stipulazzjoni li min iħaddem jista' jtemm l-impjieg bla raġuni b'avviż ta' xahar — ma tiswiex.

Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjetà konvenuta kisret il-liġi meta temmet l-impjieg ta' l-attur qabel iż-żmien miftiehem.

Naraw issa x'kumpens għandu jingħata lill-attur.

Skond il-parir ta' l-espert l-attur għandu jingħata l-ħlas li kien jieħu sa meta jintemm l-impjieg, u kumpens għal danni morali u materjali.

Mix-xhieda ħareġ illi s-soċjetà konvenuta stess għenet biex l-attur ikun jista' jkompli jagħti s-servizz lill-klijent tagħha għalkemm bħala impjegat ta' terzi. Għalhekk, għaż-żmien li kien fadal biex jintemm il-kuntratt, l-attur ma ġarrabx danni, la morali u lanqas materjali, u l-qorti hija tal-fehma illi lill-attur ma għandu jingħata ebda kumpens ieħor barra l-ħlas li kien jieħu sal-31 ta' Diċembru 1998 li kieku ma ntemmlux l-impjieg mal-konvenuta.

L-inċident tal-ġarr tal-posta kien seħħ fit-13 ta' Lulju 1998, meta l-attur kellu jivvjaġġa lejn il-Libja, u dan ifisser illi t-turn tax-xogħol kellu jibda mill-għada l-14 ta' Lulju 1998. It-turn ta' erba' ġimgħat kellu għalhekk jispiċċa fil-11 t'Awissu 1998, u l-attur kellu jitħallas ukoll għat-12 t'Awissu 1998, meta kellu jivvjaġġa lura lejn Malta. Imbagħad kellu ġimagħtejn franki bla ħlas, sas-26 t'Awissu 1998. Li kieku l-impjieg ma ntemmlux, kien imissu l-ewwel jum bi ħlas fis-27 t'Awissu 1998, meta kellu jivvjaġġa lejn il-Libja. Li rridu naraw mela hu kemm il-jum bi ħlas kien ikollu mis-27 t'Awissu 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998.

Bejn dawk iż-żewġ dati hemm mija u sitta u għoxrin (126) jum. Ċiklu ta' xogħol u frank jieħu erbgħa u erbgħin (44) jum — tmienja u għoxrin (28) jum xogħol bi ħlas, jumejn (2) għall-ivvjaġġar bi ħlas, u erbatax-il (14) jum frank bla ħlas — u għalhekk kien fadal żewġ ċikli sħaħ u tmienja u tletin (38) jum illi minnhom (ladarba bdejna nqisu mill-bidu tal-parti mħallsa taċ-ċiklu) l-attur kien jitħallas għall-ewwel tletin (30) jum.

L-attur għalhekk, sal-31 ta' Diċembru 1998, kien fadallu tliet perijodi ta' tletin (30) jum kull wieħed bi ħlas, b'kollox disgħin (90) jum. Bi ħlas ta' mitejn dollaru amerikan (US$200) kuljum, l-attur għandu jieħu tmintax-il elf dollaru amerikan (US$18,000).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi s-soċjetà konvenuta temmet l-impjieg ta' l-attur qabel iż-żmien miftiehem u bi ksur tal-liġi, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta' tmintax-il elf dollaru amerikan (US$18,000) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur daqskemm jiswew fi flus maltin tmintax-il elf dollaru amerikan (US$18,000), flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------